

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-22 ta' April 2008

**dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (qabel magħrufa bħala Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija) għas-sena finanzjarja 2006**

(2009/210/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet finali annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2006 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (qabel magħrufa bħala Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija) għas-sena finanzjarja 2006, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2008 (5843/2008 – C6-0084/2008),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jwaqqaf l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali <sup>(4)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 21 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0113/2008),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (qabel magħrufa bħala Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija) huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
  2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (qabel magħrufa bħala Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija) għas-sena finanzjarja 2006;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*

Hans-Gert PÖTTERING

*Is-Segretarju-Ġenerali*

Harald RØMER

<sup>(1)</sup> ĠU C 261, 31.10.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 309, 19.12.2007, p. 6.

<sup>(3)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.